MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 236/2013

**Bank of Valletta p.l.c.
( C 2833)
vs**

**Ritianne Cutajar
(ID 145181M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Awwissu 2013 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, sebgha mija u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€10,720.52) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti mill-konvenuta ghal facilita' bankarja moghtija lill istess konvenuta kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficjali datata 13 ta' Lulju 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment u

bl-imghax mill 5 ta' Lulju 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gie notifikat lill konvenuta fl 1 ta' Ottubru 2013 u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Charles Cassar datata 1 ta' Ottubru 2013 (fol 14).

Illi fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas 7 ta' Ottubru, 2013 il-konvenuta, giet imsejjaha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, sebgha mija u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€10,720.52) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta w bl-imghaxijiet legali lkoll kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------